# REĊENSJONI

**"PESTA SOĊJALI"**, Rumanz ta' M. A. Scalpello Borg. It-Tieni Faxxiklu.—Progress Press, Valletta, 1957.

Meta sentejn ilu jiena kont ktibt kelmtejn fuq l-ewwel ktieb tar-rumanz soċjali tas Sur M. A. Scalpello Borg, kont urejt ix-xewqa tiegħi li dik l-opra tissokta sat-tmiem. Dan għamiltu għal bosta raġunijiet: l-ewwelnett għax kien deherli, u l-lum jien konvint, li dan ir-rumanz sa jkun qisu targa fit-telgħa mwiegħra tal-letteratura Maltija, it-tieni għax din l-opra hi esperiment tal-għamla realistika li qiegħda trabbi l-egħruq fil-letteratura moderna u t-tielet għax ħsibt li dan il-ktieb jimla vojt fil-kwadru artistiku nazzjonali.

Hawn ma rridx ninsa nwissi lill-qarrej li dan il-ktieb ma għandux jinqara bil-għaġla jew fuq fuq għax allura min jaqrah ma jtiegħemx il-benna u l-ħlewwa li bihom huma mżewqin il-paġni u l-kapitoli kollha. Min irid iġarrab u jitgħaxxaq bil-ktieb irid jistħajjel li għandu f'idejh opra filosofika li aktar turi s-siwi tagħha aktar ma wieħed jaqraha bil-ġabra u bil-għaqal.

L-awtur jidher li huwa ma kitebx din il-biċċa xogħol biex jirrakkonta ġrajja biss imma l-fehma ewlenija tiegħu hi li jesprimi s-sentimenti ta' qalbu u x-xenqiet ta' moħħu. Hu jfisser fi kliem magħżul u deskrizzjonijiet milqutin it-taqbida ta' kuljum li bniedem ġust u rett jeħtieġlu jiffronta fil-milja ta' ħajtu. Matul il-ġrajja kollha wieħed jiltaqa' ta' sikwit ma' kuntrasti bejn is-sagrifiċċju u t-tpaxxija, bejn il-karità u l-ħruxija, bejn l-imħabba u l-għira. Minn dan il-konflitt l-awtur joħroġ sistema ta' ħajja u xempju ta' għajxien li jmisshom ikunu d-dawl li jmexxu l-bniedem fit-triq tas-sewwa u tas-sliem.

X'uħud mill-episodji huma meħudin ċar mill-ħajja ta' l-awtur jew ta' niesu, jew ispirati minn hekk. Għaldaqshekk ma jistgħux ma jnisslux sens ta' simpatija u ta' ħrara fil-qarrej intelliġenti. Jiena li naf mill-qrib lill-awtur nista' forsi aktar minn xi wħud inwettaq in-natural sensitiv tiegħu, il-ħniena ta' qalbu u l-ħrara ta' fehemtu biex jagħmel il-ġid lil għajru. Dawn il-għotjiet sbieħ jinsabu midmumin bil-għaqal fil-ktieb u wieħed jista' jintebah bihom u jsibhom qishom ġawhar imgeżwrin qalb il-kwadri tal-kontest letterarju.

Jiena hawn ma biħsibnix nagħmel lista ta' kolpi artistiċi u letterarji li fih il-ktieb, iżda ma nistax ma nsemmix kwadru jew tnejn li ma' bosta oħrajn laqtuni bin-naturalezza u bil-preċiżjoni, bis-sengħa u bil ġmiel li huma miġbudin kif ukoll bit-tagħlim morali tagħhom: il-kwadru tal-bniedem għajjien fil-bidu tal-Kap. VI iqanqal ħasra fil-waqt li fil-paġna 143 Kap. XI. l-awtur jimraħ fil-medda li tħaddan il-kelma "kieku".

Min hu nieqes mit-tiġrib tal-ħajja għandu mnejn igħaddilu minn moħħu li dan il-ktieb jiddeskrivi biss dak li hu ikreh u ħajjen fil-ħajja tal-bniedem. Xejn minn dan. Il-fehma ta' l-awtur kienet li jikxef il-ħażen ħalli wieħed aktar jagħrfu malajr u jitwarrab minnu bil-ħeffa. Dan stqarru l-awtur innifsu f'ittra li kitibli: "Biex turi l-kruħa hemm bżonn li turi l-waħx u biex twarrab mill-hemm, hu meħtieġ li turi t-tiġrif".

*G.*